Teresa 3 (2006)



# Alla l-Qaddis

*Fr Hector Scerri*
Viċi-Rettur tas-Seminarju Maġġuri
Kap tad-Dipartiment tad-Dommatika fl-Università ta' Malta
Ċensur Teologu ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta

***Il-qalb iddur lejn Alla l-Qaddis:***
***"Maħbub ta' qalbi, inċarrtu***
***dal-velu ma jidhirx!***
***Nerħu xofftejna f'bewsa***
***ta' skiet ma jinkisirx!"***

**Daħla**

Il-bniedem li għandu saqajh fl-art ma jgħixx fis-sħab. Ma jdumx ma jfakkar lilu nnifsu li huwa ħlejqa. Jintebaħ li hemm Dak li huwa s-Setgħan u li jmexxi kollox bil-Providenza tiegħu. Dan huwa Alla tagħna... Alla ta' mħabba infinita... Alla li jagħti kas ta' kull bniedem li hawn fuq wiċċ l-art... Alla li huwa l-Qaddis u l-għajn ta' kull qdusija... Alla magħna!

Meta ġejt mitlub mid-direzzjoni ta' din ir-rivista biex nikteb dwar dan is-suġġett kif indikat fit-titlu, aċċettajt mingħajr telf ta' żmien. Mal-medda ta' l-istaġuni, bdejt kuljum nintebaħ x'biċċa xogħol iebsa dħalt għaliha. Bdejt ngħid bejni u bejn ruħi: Imma kif se nikteb dwar Alla l-Qaddis? Kif se jirnexxieli nesprimi bil-kitba dak kollu li huwa esperjenza ta' midneb mifdi li jgħix fil-ħniena ta' Alla?

Laqatni ħafna dak li niseġ il-poeta Oliver Friggieri fil-poeżija tiegħu, *Mulej*:

"Ma nafx, Mulej, kif dak li nħoss ġo qalbi
se naqbad b'fommi nroddu sħiħ u safi,
sabiħ fil-lewn u l-ħsieb, għani fil-kelma
kif trabba l-ewwel ġewwa qalbi siekta.
Ma nafx tassew... nixtieq li ntir għal ħdanek
fuq ġwienaħ l-għana l'Int għoġbok taghtini
biex nogħla 'l fuq u ngħolli 'l ħuti miegħi
fejn tgħammar Int, Poeta tal-poeti!"[1]

Madankollu, xorta komplejt nistaqsi lili nnifsi: Kif se nkun kapaċi ndomm fi kliem fqajjar ħsibijiet teoloġiċi għolja? Din il-ħidma li ġiet afdata lili bdejt naraha dejjem aktar iebsa, jum wara l-ieħor. Aktar irrealizzajt kemm hu minnu dak li jgħallem il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*: "L-għarfien tagħna ta' Alla hu limitat, u hekk ukoll hu limitat il-kliem tagħna dwar Alla. Ma nistgħux nitkellmu fuq Alla jekk ma nitilqux mill-ħlejjaq tiegħu u nitkellmu skond il-mod limitat tagħna l-bnedmin kif nifhmu u naħsbu" (par. 40). Fil-kuntest ta' din il-limitazzjoni, inżid ħaġa oħra. F'artiklu li ktibt xi snin ilu[2], nagħmel referenza għall-fatt li Alla l-Qaddis huwa *ineffabbli*.[3] Sewwa jgħid Santu Wistin fl-għeluq tal-kapolavur tiegħu dwar it-Trinità, id-*De Trinitate*: "Jekk taħseb li fhimt x'inhi t-Trinità, mela dak li taħseb li fhimt mhix it-Trinità".[4]

Allura, ġieni ħsieb kif nista' nesprimi dak li kont qed niġi mitlub nagħmel. Għidt, bejni u bejn ruħi, nista' nlissen dak li jinħass astratt u 'l bogħod mill-ħakma tal-moħħ, billi nifformulah fi stil ieħor... dak ta'

---

[1] Oliver Friggieri, *Mulej*, f'*Il-Poeżiji Miġbura*, Mireva Publications, Msida/Malta 2002, p.3.

[2] Ara Hector Scerri, "The Problem of God in the Book of Job", fil-ktieb *In Joyful and Serene Service of his Lord's Word. In Memory of Rev. Dr Joseph Calleja OFM Conv*, Melita Theologica Supplementary Series 5, Foundation for Theological Studies/Faculty of Theology, Malta 2002, pp. 161-177, speċjalment pp. 162-163.

[3] Il-kelma *ineffabbli/ineffabbiltà* — kelma li ma nużawhiex kuljum (imma li Ġużè Aquilina jagħtiha fid-Dizzjunarju tiegħu, *Maltese-English Dictionary*, I, Midsea Books/Malta 1987, p. 575) — meta applikata għal Alla, tirreferi għall-verità li Alla huwa "unutterably mysterious and despite the divine names, ultimately unnamable (*Ex* 3, 14; *Jn* 1, 18; *1Tim* 1, 17; *Rom* 11, 33-36)" (Gerald O'Collins - Edward G. Farrugia, *A Concise Dictionary of Theology*, T & T Clark, Edinburgh 2000, p. 119). Ara wkoll Felix Pastor, *La Logica de lo Inefable*, Editrice Pontificia Università Gregoriana, Roma 1986.

[4] Fl-irtir li kien ta lill-Papa Ġwanni Pawlu II u lill-Kurja Rumana fir-Randan tal-2003, l-Arċisqof Angelo Comastri kien stqarr hekk: "Dio si rivela come un infinito oceano di fecondità, nel quale il Padre genera il Figlio ed eternamente Lo abbraccia nello Spirito d'Amore: Dio, allora, non è fredda solitudine, ma è gioiosa Trinità" (*Dio è amore*, San Paolo, Cinisello Balsamo 2003, p. 113). Nota sabiħa dwar it-Trinità qalhieli wieħed mill-istudenti tiegħi: "Tippruvax tifhem it-misteru tat-Trinità, imma emmen fil-Knisja li hi d-dgħajsa li twasslek lejn it-Trinità".

talba twila.[5] Dak li wieħed forsi jiltaqa' miegħu f'kotba tat-teoloġija dommatika[6] u tat-teoloġija spiritwali,[7] naħseb li nistgħu nesprimuh mod ieħor... f'għanja lil Alla l-qaddis.

Għalhekk, wara li mill-aħjar li nista', nintroduċi s-suġġett u nagħti l-prinċipji (fl-ewwel taqsima ta' l-artiklu), ngħaddi mbagħad biex inħalli lil qalbi tgħanni lil-Ħallieq (fit-tieni taqsima tal-kitba tiegħi). Dak li jinħass tqil biex niktbuh għaliex huwa diffiċli biex nifformulawh, jista' jingħad f'talba ħierġa mill-qalb. Min-naħa l-oħra, ma nixtieqx inkun prużuntuż.[8] Ftakart fil-kliem li darba ħarġu mill-pinna ta' wieħed mill-kittieba ewlenin Maltin li għandna bħalissa: "Ma nafx kif għandi nindirizzah (lil Alla). Ma nafx x'inhuma l-kwalitajiet li għandu. Inħossni niddubita għandix insejjaħlu Mħabba jew Tjieba jew Ħniena jew b'kemm kwalitajiet 'sbieħ' aħna mdorrijin bihom. Għax dawn huma x'aktarx il-qisien tagħna... tat-tfal li jimlew barmil ilma baħar u jgħidu li ġo fih hemm il-bajja kollha".[9]

---

[5] Se nipprova nimita l-istil li juża Michel Quoist fil-ktieb tiegħu *Prayers of Life*, Gill and Macmillan, London 1963, kif ukoll il-bosta kotba ta' Dun Pawl Camilleri, ippubblikati mill-Media Centre, fis-serje tal-Klabb Qari Nisrani fosthom *Bonġu Mulej* (KQN 10, 1984), *Mulej, għax ħlejt żgħożitek?* (KQN 16, 1985), *Fejn toqgħod Mgħallem?* (KQN 59, 1996), *Jaqaw jien, Mulej?* (KQN, 1997) u *Mulej, ibqa' aħdem magħna* (KQN 71, 1999).

[6] Fil-fatt, meta wieħed iqalleb bosta kotba tat-teoloġija, speċjalment testi bażiċi, kemm ta' żmien ilu, kif ukoll ta' l-aħħar tletin sena, dwar Alla qajla ssib xi kapitlu jew sezzjoni dwar il-qdusija ta' Alla. Qallibt dawn il-kotba li huma fost l-aħjar dwar it-teoloġija in ġenerali jew dwar it-trattati klassiċi *De Deo Uno* u *De Deo Trino*, imma ma sibtx dak li kont qed infittex: San Tumas t'Aquino, *Summa Theologiae*, Prima Pars, Quaestiones 2-43; Louis Billot, *De Deo Uno et Trino. Commentarius in Primam Partem S. Thomae*, 7ed., Pontificia Università Gregoriana, Roma, 1926; G. van Noort, *Tractatus De Deo Uno et Trino*, 4ed., Paulus Brand/Bussum, Holland 1928; John O'Donnell, *The Mystery of the Triune God*, Paulist Press, New York - Mahwah 1989; Walter Kasper, *The God of Jesus Christ*, SCM Press, London 1992; Bruno Forte, *Trinità come storia. Saggio sul Dio cristiano*, Simbolica ecclesiale 4, San Paolo, Cinisello Balsamo 1993.

[7] Ara Leonce Reypens, "Dieu (Connaissance mystique)", in *DSp* 3, Beauchesne, Paris 1957, kol. 883-929; François Taymans Eypernon, "Dieu (Desir de)", in *DSp* 3, coll. 929-947. Ara wkoll l-artikli dwar Alla u dwar il-qdusija f'dawn id-dizzjunarji: "God", "Holiness", in *The New Dictionary of Catholic Spirituality*, ed. Michael Downey, Liturgical Press, Collegeville/MN 1993, pp. 440-450, 479-488; "Dio", in *Dizionario enciclopedico di spiritualità*, I, a cura di Ermanno Ancilli, Città Nuova, Roma 1990, 770-789; "Holiness", in *The New SCM Dictionary of Christian Spirituality*, ed. Philip Sheldrake, SCM Press, London 2005, pp. 341-342.

[8] F'kitba oħra, Felix Pastor jistqarr li "the God of faith is linguistically ineffable, cognitively incomprehensible (and) ontologically transcendent... Linguistic forms, which are finite and limited, do not succeed in expressing fully the absolute, unconditioned, and infinite content of the divine message and of the divine mystery" ("Human Beings and their Search for God: The Doctrine of the Magisterium of the Church between Vatican I and Vatican II", fil-ktieb *Vatican II, Assessment and Perspectives. Twenty-five years After*, II, Paulist Press, New York - Mahwah/NJ 1989, p. 377).

[9] Trevor Zahra, fil-ġabra *Mingħajr Velu*, ed. Joe Felice Pace, KQN 77, Media Centre, Malta 2001, p. 93.

**L-Ewwel Taqsima: Jitkellem il-Moħħ**

L-istudju klassiku ta' Rudolf Otto (1869-1937), *Das Heilige (The Idea of the Holy)*[10], jitkellem dwar il-Qaddis bħala dak li huwa *Kollu kemm hu Differenti*, jew aħjar *Totally Other* (*Ganz Andere*). Il-Qaddis joħloq ġewwa l-bniedem sens ta' stagħġib u ta' faxxinu. Il-Qaddis huwa assolutament differenti: huwa l-Misteru. Tant hu hekk li Otto juża l-espressjoni magħrufa *mysterium tremendum et fascinans*. Awturi oħra f'dan il-kamp, fosthom Mircea Eliade u Van der Leeuw, ikomplu jgħarblu l-kunċett tal-qdusija u s-Sagru u jippreżentaw it-Traxxendent f'kuntrast ma' dak li huwa limitat, u għalhekk mhux infinit.[11]

Kif wieħed jistenna, il-Kotba Mqaddsa jużaw il-kelma *qaddis* u l-kelma *qdusija*, l-ewwel u qabel kollox għal Alla. Meta wieħed imur għall-oriġini tal-kelma, it-tifsira tagħha hija dejjem waħda teoloġika, u ma toriġinax mill-ħajja sekulari ta' kuljum.[12] Alla huwa distint fis-sens li huwa distint kemm mill-ħolqien kif ukoll mill-ħlejjaq. Fl-Iskrittura, insibu diversi stqarrijiet li jisħqu fuq il-qdusija ta' Alla, marbuta ma' attributi oħra ta' Alla.[13] Mosè, fl-għanja ta' wara l-għeġubijiet ta' Alla fil-Baħar tal-Qasab u l-ħelsien tal-Poplu, jistqarr: "Min hu bħalek, Mulej, fost l-allat? Min hu bħalek? Int kbir fil-qdusija, tal-biża' fit-tifħir..." (*Eż* 15, 11).

Fir-rakkont tas-sejħa tiegħu, il-profeta Isaija jitkellem dwar id-dehra li kellu. Jara s-serafini li "kienu jgħajtu u jwieġbu lil xulxin: 'Qaddis, qaddis, qaddis hu l-Mulej ta' l-eżerċti. L-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu'" (6, 3). L-istess stqarrija tripla tal-qdusija ta' Alla, imsejħa *Trishagion*, insibuha wkoll fil-ktieb ta' *l-Apokalissi*. L-erba' ħlejjaq ħajjin li jara Ġwanni ma jieqfu qatt itennu "Qaddis, qaddis, qaddis, il-Mulej, Alla li jista' kollox, li kien, u li hu, u li ġej" (4, 8). Fis-sejħa li jagħmel għall-għajnuna tal-Mulej, il-profeta Ħabakkuk jirreferi għal Alla bil-kelma l-*Qaddis*: "Alla ġej minn Teman, mill-muntanja Faran ġej il-Qaddis" (3, 3). Fid-diskors saċerdotali li nsibu fir-Raba' Evanġelju, Ġesù jsejjaħ lil Missieru *qaddis*: "Missier qaddis, ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, biex ikunu ħaġa waħda bħalna" (17, 11).

Huwa fatt magħruf li diversi mkejjen partikulari kienu qaddisin għal raġuni waħda — li jew seħħet fihom xi teofanija, jew fihom kien hemm il-preżenza ta' Alla. It-Tinda tal-Laqgħa u t-Tempju kellhom parti li kienet l-imkien speċjali tal-preżenza ta' Alla, il-Post il-Qaddis (*Holy of holies*) (ara *Eż* 26, 33; *Eżek* 41, 4). Kien hemm, kif wieħed jistenna, sistema

---

[10] Dan il-ktieb famuż ta' OTTO deher fl-1917 ġewwa Breslau (dak iż-żmien belt fil-Ġermanja; illum jisimha Wroclaw u tinsab fil-Polonja). Sa sitt snin wara, fl-1923, kien diġà wasal fil-ħdax-il edizzjoni tiegħu. Fl-istess perjodu, bdew jidhru traduzzjonijiet tiegħu, u sa tmiem is-snin għoxrin kienu diġà dehru dawn it-traduzzjonijiet: l-Ingliża, it-Taljana u l-Franċiża.

[11] Ara Lawrence S. CUNNINGHAM, "Holiness", in *The New Dictionary of Catholic Spirituality*, pp. 479-480.

[12] Ara Oliver DAVIES, "Holiness", in *The New SCM Dictionary of Christian Spirituality*, p. 341.

[13] Ara Jacques GUILLET, "Sainteté de Dieu", in *DSp* 14, Beauchesne, Paris 1990, col. 185.

ta' separazzjoni, b'distinzjoni netta bejn dak li huwa sagru u dak li kien profan.

Għalkemm kienet teżisti din is-separazzjoni spazjali u liturġika, Alla dejjem ried jaqsam il-qdusija tiegħu mal-bniedem. L-ewwel Ittra ta' Pietru tibni fuq dak li hemm fil-ktieb tal-*Levitiku* 11, 44-45: "Bħalma qaddis hu dak li sejħilkom, kunu intom ukoll qaddisin fl-imġiba tagħkom kollha, għax hu miktub: 'Kunu qaddisin, għax qaddis jien'" (1, 15-16). Aktar tard, it-teoloġija kellha titkellem dwar dan is-sehem tagħna fil-ħajja ta' Alla bħala l-grazzja divina li tmexxina fit-triq tagħna lejn Dar il-Missier.[14]

Hemm diversi referenzi oħra mill-Iskrittura.[15] Kull waħda titkellem għaliha u tindika f'kelmet il-bniedem ispirat li Alla huwa l-Qaddis:

"'Ma' min ixebbhuni jew tqabbluni?', jistaqsi l-*Qaddis*" (*Is* 40, 25).

"Imqar hekk, jibqa' għalija xi faraġ, u nifraħ ukoll fl-eqqel tbatija, għax ma ċħadtx kliem il-*Qaddis*" (*Ġob* 6, 10).

"Telqu l-Mulej; maqdru l-*Qaddis* ta' Iżrael, inġibdu lura minnu" (*Is* 1, 4).

"Il-*Qaddis* ta' Iżrael nar iħeġġeġ, jaħraq u jikkonsma f'jum wieħed il-ħurrieq u x-xewk" (*Is* 10, 17).

## It-Tieni Taqsima: Titkellem il-Qalb

Għadna kemm rajna xi aspetti li xi wħud minnhom ġejjin mill-Iskrittura, u xi oħrajn li tgħallimnihom bil-moħħ mill-kotba. Issa, kif wegħidt aktar kmieni, wasal il-waqt li ngħaddu għal stil ieħor li fih u permezz tiegħu se nkomplu niskopru tarf ċkejken mill-qdusija ta' Alla. Ejjew, mela, naqbżu ngħumu f'din il-bajja ta' wisa' bla tarf! Nistiednek tidħol miegħi fil-preżenza ta' Alla l-Qaddis. Nistiednek sabiex nimxu flimkien... u nduqu kemm hu tajjeb il-Mulej (ara *Salm* 34, 9). Ejja!

## O Alla, Inti l-Qaddis

O Mulej, inti Qdusija!
Inti l-għajn ta' kull qdusija![16]
Meta nagħraf li ninsab fil-preżenza tiegħek,
għinni wkoll biex ma ninsa qatt li qiegħed quddiem il-Qaddis.
U għax qiegħed quddiem il-Qaddis,

---

[14] Ara Cunningham, p. 480.

[15] Ara Roberto Moretti, "Dio", in *Dizionario enciclopedico di spiritualità*, I, p. 772. It-taqsima ta' l-artiklu tittratta l-qdusija ta' Alla. Fl-istess paġna, Moretti jikteb li "la santità è in Dio come nella propria sorgente, caratterizza l'essenza della divinità'". Ara wkoll Guillet, coll. 185-186.

[16] Ara t-Tieni Talba Ewkaristika.

għandi ċ-ċans tad-deheb li nitqaddes.
Kemm-il darba niftaħ il-bibien ta' qalbi...
kemm-il darba ma nagħmilx ostakli...
kemm-il darba nwarrab ir-reżistenzi,
għandi quddiemi l-possibbiltà li niddakkar minnek!
Il-qawl jgħid, "Għidli ma' min tagħmilha, u ngħidlek min int".
L-istess jiġri lilna meta tassew nagħmluha miegħek,
meta nidraw ngħixu u nkunu fil-preżenza tiegħek.
Aktar ma nħalluk tħaddanna,
aktar se nitqaddsu aħna wkoll.
Tassew li aħna nibqgħu dejjem limitati,
imma Int tagħtina l-ġwienaħ
biex inkunu nistgħu nittajru bħall-ajkli.
Bħal Elija meta għamel l-esperjenza fuq il-Ħoreb,
aħna wkoll nistgħu nistqarru:
"Għandi qalbi tħeġġeġ għall-aħħar għall-Mulej, Alla ta' l-eżerċti" (1*Slat* 19, 10.14)

> "Alla tiegħi, Sultan tas-sema u l-art,
> Inti waħdek kbir, waħdek qawwi...
> Isma' t-talba umli tiegħi;
> ejja għinni, o Alla tiegħi.
> Fik biss, Alla tiegħi u Mulej tiegħi,
> qegħidt il-fiduċja u t-tama tiegħi...
> Tħarisx, nitolbok, lejn il-faqar tiegħi.
> O Alla tiegħi, ikollok ħniena minni,
> mexxini bl-Ispirtu Qaddis tiegħek...
> Alla qaddis, Alla qawwi, Alla immortali,
> Ikollok ħniena minni..."[17]

Għax inti qaddis, ħdejk ma jista' joqgħod xejn li mhuwiex safi.[18]
Kemm qal sewwa l-profeta meta,
waqt li kien fil-preżenza ta' Alla, stqarr:

---

[17] Sr Maddalena Fava SOC, fil-ġabra *Mingħajr Velu*, p. 50. Din it-talba nsibuha fl-*Improperji* li huma parti mil-liturġija ta' l-azzjoni liturġika tal-Ġimgħa l-Kbira, wara nofsinhar. Il-Beatu Ġorġ Preca juża l-istess talba fit-*Tnehid ta' Ndiema* (*Supplikazzjonjiet*) li jinsabu lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali li ssir mill-membri tas-Soċjetà tal-Museum bħala għeluq ta' l-irtir ta' kull xahar. Ara l-ġabra *Ftuħ il-Qalb. Talb tal-Qaddej t'Alla Dun Ġorġ Preca*, I, Museum, Malta 1998, pp. 104-106.

[18] Dun Ġorġ Preca, fil-*Perfezzjonjiet t'Alla* (talb meħud mill-*Kalendarju Museumin*, 1951, pp. 88-90), jistqarr hekk dwar il-qdusija ta' Alla: "Nieqaf naħseb fuq il-Qdusija tiegħek, o Sinjur, u l-persważjoni tipproduċi fija aborriment għall-ħażen, allurmeta naf li l-Volontà tiegħek ma tistax trid dak li huwa kontra tagħha, u li Inti Qaddis, Qaddis, Qaddis, u hekk fis-sema jkantawlek l-anġli u l-beati kollha tiegħek" (Ara *Ftuħ il-Qalb*, p. 54).

"Jaħasra għalija! Mitluf jiena!
Bniedem b'xufftejh imniġġsa jien!
U f'nofs poplu b'xufftejh imniġġsa ngħammar;
madankollu rajt b'għajnejja lis-Sultan,
Il-Mulej ta' l-eżerċti".
Il-profeta jkompli jirrakkonta li...
"Wieħed mis-serafini ttajjar lejja,
b'ġamra nar f'idu,
li hu kien qabad bi mqass minn fuq l-artal,
u messli fommi biha u qalli:
'Ara, din messitlek xufftejk:
ħżunitek għebet,
u dnubek inħafer'" (*Is* 6, 5-7).[19]

U hawn jinsab il-paradoss:
Inti, Alla l-Qaddis, tagħti kas tagħna, midinbin.
Aħna, ħolqien tiegħek, imsawrin fi xbiha tiegħek,
però rvellajna kontra tiegħek
u ma konniex fidili.
U għalkemm imċappsin, int indenjajt tagħti kasna,
u bgħattilna lill-Iben il-Waħdieni tiegħek.
Ma ħallejtniex għal riħna...
Ma ħallejtniex waħedna...
Ma ħallejtniex fil-miżerja tagħna...
Imma ridt tirrestawra x-xbiha tiegħek fina.
Ridt li aħna wkoll insiru qaddisin.
Għidtilna: "Kunu qaddisin għax qaddis jien" (*1Pt* 1, 16; ara wkoll *Lev* 11, 44).

Ridt li l-Iben il-Waħdieni tiegħek,
li kien imnissel minnek qabel kull żmien,
isir bniedem bħalna.
U għax sar bniedem bħalna, ħa qalb bħal tagħna,
biex il-qalb imsejkna tagħna titgħallem tħobb b'imħabba divina.
"Skomoda" lilu nnifsu biex ikompli juri li Int, Alla l-qaddis,
Int Alla-magħna u Alla-għalina.[20]

Din hi l-qdusija li għaliha qiegħed issejħilna.

---

[19] Ara GUILLET, *Ibid.*, coll. 187-188.
[20] Il-*pastor* u kittieb Luteran magħruf, imwieled mitt sena ilu, Dietrich Bonhoeffer (1906-1945), isostni li "in Christ, God's being is revealed as a 'being for others', that is, as vicarious suffering love" (ara John D. GODSEY, "Dietrich Bonhoeffer", fil-ktieb *The Modern Theologians*, I, ed. David Ford, Blackwell, Oxford, 1989, p. 64).

Il-qdusija tiegħek, Mulej, issejjaħ lilna bnedmin limitati
biex aħna nkunu qaddisin ukoll.
Din hija l-isfida li bla heda Inti tqiegħed quddiemna — il-qdusija.
Agħtina li nixxenqu għall-qdusija...
Li nirsistu u nagħmlu minn kollox biex nixbħu lilek.
"Aħna qed negħjew wisq fil-ħajja
għax m'aħniex qaddisin biżżejjed".[21]

Tridna nfittxu lilek biss.
Kollox jgħaddi... kollox jintemm... Inti biss tibqa'.
Hekk kienet titlob Santa Tereża ta' Ġesù:
"Xejn ma jħawdek,
Xejn ma jbeżżgħek.
Kollox jgħaddi.
Alla biss jibqa'.
Bis-sabar tikseb kollox.
Min għandu lil Alla
għandu kollox.
Alla waħdu biżżejjed".

Tassew, kemm huwa veru li Int, Alla, Int waħdek biż-żejjed.
Inti biss tista' timliena!
Inti biss kbir biż-żejjed.
Inti biss sod biż-żejjed biex isserrħilna moħħna.
Inti biss hekk mimli mħabba li tista' tfawrilna qalbna.[22]

**O Alla, Inti l-Ġmiel li jisboq kull ġmiel**
O Alla, għax inti qaddis, fik jinsab il-ġmiel infinit.
Il-qdusija tiegħek tidher fil-ġmiel tiegħek.[23]
M'huwiex ġmiel li jidher bl-għajnejn tal-ġisem,
imma huwa ġmiel li tagħrfu r-ruħ spiritwali.

---

[21] P. Piju SAMMUT OCD, "Taw l-istess frott", f' *Il-Ġens*, 27 ta' Marzu 1997, p. 19.
[22] Ara P. Piju SAMMUT OCD, fil-ġabra *Mingħajr Velu*, p. 78.
[23] Hans Urs von Balthasar (1905-1988), aktarx l-akbar teologu tas-seklu 20, jagħti bħala l-motto teoloġiku tiegħu: "the greatest possible radiance in the world by virtue of the closest possible following of Christ". Wieħed mill-aspetti ċentrali tat-teoloġija Balthasarjana huwa l-Ġmiel ta' Alla: "One of the central concerns of Balthasar's theology is to recover the conviction that God is the supreme Beauty. The mystery of Christian faith consists in the fact that God who is Beauty as such and who dwells in inaccessible light has become visible to us in his Son Jesus Christ" (John O'DONNELL, *Hans Urs von Balthasar*, Geoffrey Chapman, London 1992, p. 18). Bruno FORTE jistqarr hekk: "Ogni bontà, ogni verità, ogni bellezza è in Dio. Dio è *la bontà, la verità, la bellezza* dell'amore!" (*Trinità come storia*, p. 147). Għadu kemm ġie f'idejja, frisk mill-pubblikazzjoni, il-ktieb ta' Bruno FORTE, *La bellezza di Dio. Scritti e discorsi 2004-2005*, San Paolo, Cinisello Balsamo 2006.

Ir-ruħ tal-bniedem li jgħix fil-preżenza tiegħek
idduq bil-mod il-mod il-benna tal-ġmiel tiegħek.

Ningħaqad ma' Santu Wistin huwa hu jistqarrlek:
"Domt ma ħabbejtek, ġmiel hekk antik u hekk ġdid,
domt ma ħabbejtek!
U ara, inti kont ġewwa fija,
u jiena barra minni nnifsi.
Fittixtek barra, meta fil-kruha tiegħi
nxtħett fuq il-ġmiel tal-ħlejjaq tiegħek.
Int kont miegħi, iżda jien ma kontx miegħek...
Inti sejjaħtli, u l-għajta tiegħek fetħitli widnejja torox;
id-dawl tiegħek leħħ u idda fuqi, u keċċa l-għama tiegħi;
int xerridt il-fwieħa tiegħek li daħlet fi mnifsejja,
u issa nixtieqek;
doqt tjubitek, u issa jien ġewħan u għatxan għalik;
missejtni, u sirt imħeġġeġ għas-sliem tiegħek".[24]

Għax inti qaddis, Mulej, il-ġmiel tiegħek huwa ġmiel safi.
M'huwiex bħal ġmiel fieragħ li taf tagħti d-dinja,
ġmiel li mhux marbut ma' mħabba vera,
imħabba li tingħata u tmut għaliha nfisha.
Imliena, Mulej, bix-xewqa li nfittxu l-ġmiel veru,
il-ġmiel skond qalbek,
il-ġmiel li jimla l-qalb u mhux l-għajnejn
bil-paċi vera.

**O Alla, jiena ċkejken u miżeru... Inti kollox!**
Meta ninxteħet quddiem il-qdusija tiegħek,
nagħraf iċ-ċokon tiegħi,
nagħraf il-faqar tiegħi,
nagħraf il-miżerja tiegħi.
Aktar ma nagħraf dan, aktar nirrealizza li Inti kollox.
Inti żżommni ħaj:
ir-relazzjoni tiegħi miegħek hija speċjali.
Sawwab fija l-qdusija tiegħek.
Il-qdusija tiegħek tisboq kollox.
Aktar ma nersaq lejn id-dawl
aktar nara d-difetti fiżiċi fija jew f'oġġett;
l-istess jiġri spiritwalment: aktar ma nersaq lejk, Mulej,

---

[24] Santu Wistin, *L-Istqarrijiet*, X, 27, Provinċja Agostinjana, Malta 1989, pp. 300-301.

aktar nintebaħ bid-difetti u d-dnub tiegħi.
Agħmel, Mulej, li ma naqtax qalbi quddiem din il-verità.
Anzi, qawwini, Mulej, biex nixxennaq aktar għalik.
Inti biss tista' tfejjaq id-dgħufija u l-mard tiegħi.
Għax Inti qaddis, Inti biss tista' ssaffini
mit-tidnis kollu li hemm ġewwa fija:
"Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi...
Roxxni bl-ilma, u nissaffa;
aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad...
Oħloq fija qalb safja, o Alla,
U spirtu qawwi ġedded fija" (*Salm* 51, 4.9.12).[25]

B'sentimenti li jixbhu lil tas-Salmista,
nissellef kelmet poeta Franġiskan ta' żminijietna li talab:
"Ħarist lejn ħajti,
imtebbgħa rajtha 'l hinn u 'l hawn bil-ħtija;
ħassejt ġo fija
id-diqa tal-mewt.
Illum erġajt ħarist
bla bżajt mill-ħtija,
u bħal ħassejt ġo fija
il-ħila tat-tajbin.
Ħarist lejn ħajti,
u kif ġennien inaqqi ħaxix ħażin mill-bqija
tal-ward ifuħ u sbejjaħ,
hekk jien
naqqejt u ġbart il-ħtija.
Rajtha tintemm il-ħtija..."[26]

**O Alla, jien għatxan għall-qdusija li tiġi minnek biss**

Mulej, Inti l-għajn ta' l-ilma ġieri... l-ilma ħaj.
Kabbar ġewwa fija għatx veru għalik.
Min ikun mejjet bil-għatx, ikun qed imut għal imqar qatra waħda ilma.
Mas-Salmista ndur lejk u ngħanni:
"Alla, Alla tiegħi int;
lilek ħerqan infittex.
Ruħi bil-għatx għalik,

---

[25] Il-Beatu Ġorġ Preca, f'*Is-Salm ta' Patri Franku Karmelitan*, tal-1942, jistqarr li r-ruħ "tagħrfek qaddis, qaddis, qaddis, u b'indiema sinċiera tissaffa minn ħtijietha biex tkun miġjuba quddiemek" (ara *Ftuħ il-Qalb*, p. 36).
[26] Marjanu Vella, *Riħa ta' Inċens Jinħaraq*, f'*Poeżiji*, Mireva Publications, Msida/Malta 2000, p. 15.

għalik imxennaq jiena,
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.
Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek,
biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek" (63, 2-3).

Jien għatxan għalik, Mulej Alla tiegħi...
għatxan għall-qdusija tiegħek.
Urini t-toroq moħbija li għandi nterraq biex nikber fil-qdusija.
Iva, Mulej, huma toroq mistura u dojoq...
Imma dawn huma t-toroq tiegħek!
"Il-fehmiet tiegħi m'humiex fehmietkom", tgħidilna,
"u t-triqat tiegħi m'humiex triqatkom" (*Is* 55, 8).
Inti stess tgħallimna u turina li t-toroq tagħna l-bnedmin
iwasslu għat-telfien u l-qerda.
Huma sqaqien!
Min-naħa l-oħra, it-triq li twassal għall-ħajja
hija t-triq taċ-ċaħda tagħna nfusna.
Ibnek, Ġesù stess qalilna:
"Jien hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja" (*Ġw* 14, 6).

Għallimni biex nimxi miegħek f'din it-triq.
Imxi miegħi,
kif Ibnek Ġesù Rxoxt mexa ma' Kleofa u d-dixxiplu l-ieħor
fit-triq lejn Għemmaws.
Jien hu dak id-dixxiplu l-ieħor!
Imxi miegħi, u iftaħli moħħi biex nifhem l-Iskrittura.
Iftaħli għajnejja biex nagħrfek fil-qsim tal-ħobż.[27]
Li timxi miegħi... din hi ħaġa ċerta... Int qatt ma tħallini.
Nitolbok biex jien, min-naħa tiegħi, nibqa' miexi miegħek...
ma naħrabx, ma nintilifx...

It-triq tiegħek biss hija t-triq tal-qdusija vera.
Jiena għatxan għalik,
"bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat ta' l-ilma,
hekk tixxennaq ruħi għalik, o Alla.
Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj;
meta niġi u nara wiċċ Alla?" (*Salm* 42, 2-3).

Dan l-għatx enormi għalik, o Alla, u għall-qdusija tiegħek,
joħroġ ibaqbaq mill-qalb u l-pinna ta' saċerdot u eremita li jistqarr:

---

[27] Ara l-Ħames Talba Ewkaristika.

"Maħbub ta' qalbi, inċarrtu
dal-velu ma jidhirx!
nerħu xofftejna f'bewsa
ta' skiet ma jinkisirx!

"Noħorġu ħafja għall-beraħ
ta' qlubna tan-nirien!
Nimxu id f'id, b'ħarsitna
tinbet minn kullimkien!

"Inkennu f'dawl nifisna
dan l-univers miftuħ!
nisquh miż-żifna tagħna,
żifna ma tafx bi qtugħ!"[28]

Mulej, kompli kabbar fija xewqa taħraq għalik. Din ix-xewqa tinbet fija permezz tal-grazzja tiegħek. L-inizjattiva hija dejjem tiegħek... minnek ġej kulma hu qaddis u tajjeb fija. Hija mixja, anzi ġirja, dejjem għaddejja. Ix-xewqa tiegħi hi li nkun miegħek għal dejjem. Infaħħrek, Mulej, għal talba oħra... ħierġa tiġri minn qalb l-eremit imxennaq għal qdusitek:

"Niġri warajk; infittxek;
ħuġġieġa ta' nirien!
Għajnejja ħars imbaskat;
Xofftejja kliem lehġien.

"Niġri warajk; infittxek:
Int nar ma jintlaħaqx!
qalbi taħrabli f'ħoġrok;
b'riġlejja ma nlaħħaqx.

"Niġri warajk. Infittxek.
Insibek lejl ta' uġigħ.
Naqa' f'riġlejk; nitniehed...
U nibki għall-mistrieħ".[29]

[28] Joe P. Galea (Fra Gioele E.C.), *Iftaħli Ħdanek Beraħ*, Poeżiji 1990-95, Malta 1996, p. 54.
[29] *Ibid.*, p. 35.